

32004R1471

L 271/24

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

19.8.2004

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 1471/2004**tat-18 ta' Awwissu 2004****li jemenda l-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kummissjoni dwar l-importazzjoni ta' prodotti taċ-ċerv mill-Kanada u l-Istati Uniti****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jwaqqaf il-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 tal-Parlament Ewropew u l-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2001 li jwaqqaf ir-regoli għall-ħarsien, il-kontroll u l-qerda ta' ċerti enċefalopatiji sponġiformi li jittiehdu¹, u l-aktar l-ewwel paragrafu ta' l-Artiklu 23 miġjub fih,

Billi:

- (1) Il-Marda tal-*Chronic Wasting* ġiet irrappurtata fi ċriev u elk li jitrabbew fl-irziezet u salvaġġi fil-Kanada u fl-Istati Uniti. S'issa, ma kienu kkonfermati l-ebda każijiet ta' din il-marda fl-Ewropa.
- (2) Fl-opinjoni tiegħu tas-6-7 ta' Marzu, il-Kumitat Xjentifiku Konsultattiv irrakkomanda li jkun imsaħħaħ il-ħarsien tas-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika fil-Komunità minħabba r-riskju li ġej mill-Marda *Chronic Wasting* fiċ-ċriev fil-Kanada u l-Istati Uniti.
- (3) Minħabba li l-Kanada u l-Istati Uniti mhumieqx imniżżla fil-lista ta' pajjiżi terzi li huma approvati biex jesportaw annimali li jixtaru mhux domestiċi lejn il-Komunità, kif stabbilit bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 79/542/KEE li tfassal il-lista ta' pajjiżi terzi jew partijiet minn pajjiżi terzi u li tistabbilixxi l-kundizzjonijiet fuq is-saħħa ta' l-annimali u dik pubblika kif ukoll fuq iċ-ċertifikazzjoni veterinarja għall-importazzjoni fil-Komunità ta' ċerti annimali ħajjin u l-laħam frisk tagħhom², l-esportazzjoni ta' ċriev ħajjin minn dawn il-pajjiżi lejn il-Komunità hija diġà pprojbita.

¹ ĠU L 147, 31.5.2001, p. 1. Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 876/2004 (ĠU L 162, 30.4.2004, p. 52).

² ĠU L 146, 14.6.1979, p. 15. Deċiżjoni kif emendata l-aħħar bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2004/554/KE (ĠU L 248, 9.7.2004, p. 1).

- (4) Id-Direttiva tal-Kunsill 92/65/KEE, li tistabbilixxi l-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali li jikkontrollaw il-kummerċ u l-importazzjonijiet fil-Komunità ta' annimali, semen, bajd u embrijoni li mhumie x suġġetti għall-kriterji tas-saħħa ta' l-annimali stabbiliti fir-regoli speċifiċi tal-Komunità msemija fl-Anness A (1) għad-Direttiva 90/425/KEE³, tisħaq li s-semen, il-bajd u l-embrijoni biss ta' ċerti speċi msemija jistgħu jkunu impurtati fil-Komunità. L-ispeċi taċ-ċriev mhumie x inklużi. Għalhekk, l-importazzjoni tas-semen, l-embrijoni u l-bajd taċ-ċriev fil-Komunità hija diġà pprojbita.
- (5) Għandhom jiddaħħlu miżuri biex jitnaqqas ir-riskju li jista' jkun hemm għas-saħħa ta' l-annimali u ta' dik pubblika minħabba l-importazzjoni ta' laħam frisk, prodotti tal-laħam u preparazzjonijiet tal-laħam taċ-ċriev li jitrabbew fl-irziezet u slavaġ.
- (6) Ir-Regolament (KE) Nru 999/2001 għandu, għalhekk, jiġi emendat kif xieraq.
- (7) Il-miżuri li hemm f'dan ir-Regolament huma fi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti fuq il-Katina ta' l-Ikel u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artiklu 1

L-Anness XI għar-Regolament (KE) Nru 999/2001 qed ikun emendat fi qbil ma' l-Anness għal dan ir-Regolament.

Artiklu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-20 jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan għandu jkun jgħodd mill-1 ta' Jannar 2005.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jgħodd direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 18 ta' Awwissu 2004.

Għall-Kummissjoni
David BYRNE
Membru tal-Kummissjoni

³ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 54. Direttiva kif emendata l-aħħar bid-Direttiva 2004/68/KE (ĠU L 139, 30.4.2004, p. 320).

ANNEX

Fil-parti D ta' l-Anness XI, il-punt 4 li ġej għandu jidher:

- “4. (a) Meta l-laħam ta' l-annimali tal-kaċċa li jitrabbew fl-irziezet definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 91/495/KEE⁴, il-preparazzjonijiet tal-laħam definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE⁵, u l-prodotti tal-laħam definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE⁶, li jkunu ġejjin miċ-ċriev li jitrabbew fl-irziezet, ikunu impurtati fil-Komunità mill-Kanada jew l-Istati Uniti, iċ-ċertifikati tas-saħħa għandhom ikunu appoġġjati b'dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-produzzjoni, b'din il-kitba li ġejja:

“Dan il-prodott fih jew ġej esklussivament mil-laħam, barra l-ġewwieni u s-sinsla tad-dahar, ta' ċriev li ġew eżaminati għall-Marda Chronic Wasting b'metodi ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew ta' dijanjosi oħra li huma magħrufa mill-awtorità kompetenti, u dawn il-metodi ma taw l-ebda riżultat pożittiv ta' mard. Dan il-laħam mhuwiex ġej minn annimali ta' merħliet li fihom kienet ikkonfermata l-marda Chronic Wasting jew fejn dwarha hemm suspett uffiċjali.”

- (b) Meta l-laħam ta' l-annimali tal-kaċċa kif definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 92/45/KEE⁷, il-preparazzjonijiet tal-laħam definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 94/65/KE, u l-prodotti tal-laħam definiti bid-Direttiva tal-Kunsill 77/99/KEE, li jkunu ġejjin minn ċriev salvaġġi, jiġu impurtati fil-Komunità mill-Kanada jew l-Istati Uniti, iċ-ċertifikat tas-saħħa għandu jkun appoġġjat b'dikjarazzjoni ffirmata mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż tal-produzzjoni, b'din il-kitba li ġejja:

“Dan il-prodott fih jew ġej esklussivament mil-laħam, barra l-ġewwieni u s-sinsla tad-dahar, ta' ċriev li ġew eżaminati għall-Marda Chronic Wasting b'metodi ta' istopatoloġija, immunoistokimika jew ta' dijanjosi oħra li huma magħrufa mill-awtorità kompetenti, u dawn il-metodi ma taw l-ebda riżultat pożittiv ta' mard. Dan il-laħam mhuwiex ġej minn reġjun fejn il-marda Chronic Wasting ġiet ikkonfermata fl-aħħar tliet snin jew fejn dwarha hemm suspett uffiċjali.”

⁴ ĠU L 268, 24.9.1991, p. 41.

⁵ ĠU L 368, 31.12.1994, p. 10.

⁶ ĠU L 26, 31.1.1977, p. 85.

⁷ ĠU L 268, 14.9.1992, p. 35.